

Emenda 54
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

C. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-asservitá akbar ta' atturi reġjonali u globali oħra, bħaċ-Ċina, l-Iran u ċerti pajjiżi tal-Golf, qed jiddestabbilizzaw il-viċinat immedjat tal-UE, inkluż permezz ta' investimenti strateġiċi u kampanji ta' diżinformazzjoni; billi l-UE jeħtieġ li tiżgura appoġġ akbar, speċjalment għall-pajjiżi kandidati, sabiex tippreżerva l-istabbiltà u s-sigurtà u żżid il-kooperazzjoni fid-difiża, speċjalment f'termini tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-gwerra ibrida; billi l-futur tal-Balkani tal-Punent u tal-pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant jinsab fl-UE;

C. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-asservitá akbar ta' atturi reġjonali u globali oħra, bħaċ-Ċina, l-Iran u ċerti pajjiżi tal-Golf, qed jiddestabbilizzaw il-viċinat immedjat tal-UE, inkluż permezz ta' investimenti strateġiċi u kampanji ta' diżinformazzjoni, ***iżda wkoll, f'ċerti każijiet, permezz tal-għoti ta' appoġġ politiku, finanzjarju, operattiv u loġistiku lill-entitajiet ostili fir-reġjun***; billi l-UE jeħtieġ li tiżgura appoġġ akbar, speċjalment għall-pajjiżi kandidati, sabiex tippreżerva l-istabbiltà u s-sigurtà u żżid il-kooperazzjoni fid-difiża, speċjalment f'termini tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-gwerra ibrida; billi l-futur tal-Balkani tal-Punent u tal-pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant jinsab fl-UE;

Or. en

Emenda 55
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

D. billi t-tentattivi persistenti tar-Russja li tiddestabbilizza lill-UE u li timmina l-arkitettura Ewropea tas-sigurtà jirrikjedu li l-UE **ssaħħaħ** sostanzjalment il-koeżjoni u l-effettività tal-politika estera, tas-sigurtà u tad-difiża **tagħha** u **s-sovranità strateġika tagħha**, **tistabilixxi** l-oġġettivi strateġiċi **tagħha** stess, **tiddefendi** l-interessi **tagħha**, il-valuri u ċ-ċittadini kemm fil-fruntieri **tagħha** kif ukoll barra minnhom, fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar immedjat **tagħha**, biex **twassal il-paċi**, is-sigurtà tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u d-demokrazija, u **tappoġġja** lis-sħab **tagħha**;

D. billi t-tentattivi persistenti tar-Russja li tiddestabbilizza lill-UE u li timmina l-arkitettura Ewropea tas-sigurtà jirrikjedu li l-UE **u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu** sostanzjalment il-koeżjoni u l-effettività tal-politika estera, tas-sigurtà u tad-difiża **tal-Ewropa** u **jsaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi tagħhom**, **jistabilixxu** l-oġġettivi strateġiċi **tagħhom** stess, **jiddefendu** l-interessi, il-valuri u ċ-ċittadini **tagħhom** kemm fil-fruntieri **tagħhom** kif ukoll barra minnhom, fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar immedjat **tagħhom**, biex **jiksbu l-paċi**, **l-istabbiltà**, is-sigurtà tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u d-demokrazija, u **jappoġġjaw** lis-sħab **tagħhom**;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/56

Emenda 56

Anna Fotyga

f' isem il-Grupp ECR

Rapport

Sven Mikser

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

A9-0403/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

I. billi fl-2023, il-Parlament u l-Kunsill ikkonkludew ftehimiet dwar l-industrija Ewropea tad-difiża permezz ta' att komuni ta' akkwist (EDIRPA) u l-Att b' Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP), li għandhom l-għan li jħeġġu l-akkwist konġunt ta' prodotti tad-difiża, iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża, jimlew mill-ġdid l-istokkijiet imnaqqs u jnaqqsu l-frammentazzjoni fis-settur tal-akkwist tad-difiża; billi huma meħtieġa inizjattivi ulterjuri biex ***tiġi stabbilita integrazzjoni Ewropea tad-difiża ġenwina***, inkluż Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP);

Emenda

I. billi fl-2023, il-Parlament u l-Kunsill ikkonkludew ftehimiet dwar l-industrija Ewropea tad-difiża permezz ta' att komuni ta' akkwist (EDIRPA) u l-Att b' Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP), li għandhom l-għan li jħeġġu l-akkwist konġunt ta' prodotti tad-difiża, iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża, jimlew mill-ġdid l-istokkijiet imnaqqs u jnaqqsu l-frammentazzjoni fis-settur tal-akkwist tad-difiża; billi huma meħtieġa inizjattivi ulterjuri biex ***jiġu stabbiliti interoperabbiltà u interskambjabbiltà ġenwini Ewropej fid-difiża***, inkluż Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP), ***filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-kompetenzi tal-Istati Membri fis-sigurtà u fid-difiża***;

Or. en

Emenda 57
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

K. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna affermat mill-ġdid ir-rwol tan-NATO bħala l-pedament tad-difiża kollettiva tal-membri tagħha u l-inkapaċità ta' rabta trans-Atlantika b'saħħitha; billi l-gwerra ssottolinjat ukoll in-nuqqas ta' investiment fis-sigurtà u d-difiża f'bosta Stati Membri tal-UE u tan-NATO; billi d-deċiżjoni tal-mexxejja tan-NATO li jimpenjaw minimu ta' 2 % tal-PDG għall-infiq fuq id-difiża **ġiet implimentata** biss minn **ftit Stati Membri** tan-NATO; billi l-għan ta' nfiq ta' 2 % għandu jirrappreżenta minimu għall-pajjiżi tan-NATO tal-UE u mhux limitu massimu għall-infiq fuq id-difiża;

K. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna affermat mill-ġdid ir-rwol tan-NATO bħala l-pedament tad-difiża kollettiva tal-membri tagħha u l-inkapaċità ta' rabta trans-Atlantika b'saħħitha; billi l-gwerra ssottolinjat ukoll in-nuqqas ta' investiment fis-sigurtà u d-difiża f'bosta Stati Membri tal-UE u tan-NATO; billi d-deċiżjoni tal-mexxejja tan-NATO li jimpenjaw minimu ta' 2 % tal-PDG għall-infiq fuq id-difiża **mistennija tiġi rispettata fl-2024** biss minn **18-il Stat Membru** tan-NATO **minn 32, u l-perċentwali jvarjaw bejn 3,9 % tal-Polonja u 0,72 % tal-Lussemburgu, li juri żieda bla preċedent fl-alleanzi Ewropej kollha iżda għadha meħtieġa aktar kondiżjoni tal-piżijiet**; billi l-għan ta' nfiq ta' 2 % għandu jirrappreżenta minimu għall-pajjiżi tan-NATO tal-UE u mhux limitu massimu għall-infiq fuq id-difiża, **għandu jintlaħaq sal-2025 mill-alleanzi kollha; billi fl-okkażjoni tas-Summit ta' Vilnius tal-2023, il-mexxejja alleati wiegħdu li jinvestu mill-inqas 20 % tal-baġits tagħhom iddedikati għad-difiża fuq tagħmir importanti u fuq ir-riċerka u l-iżvilupp relatati**;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/58

Emenda 58
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

L. billi l-attakki terroristiċi mill-Hamas kontra Iżrael enfasizzaw is-sitwazzjoni ta' sigurtà volatili u dinamika fil-Lvant Nofsani u l-ħtieġa li l-UE u atturi internazzjonali oħra jassumu responsabbiltà akbar u jassistu lill-gvernijiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-reġjun biex jilhqqu paċi dejjiema u sostenibbli, b'mod partikolari billi jkomplu jappoġġjaw soluzzjoni ta' żewġ Stati bejn Iżrael u l-Palestina;

L. billi l-attakki terroristiċi mill-Hamas kontra Iżrael enfasizzaw is-sitwazzjoni ta' sigurtà volatili u dinamika fil-Lvant Nofsani u l-ħtieġa li l-UE u atturi internazzjonali oħra jassumu responsabbiltà akbar u jassistu lill-gvernijiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-reġjun biex jilhqqu paċi dejjiema u sostenibbli, b'mod partikolari billi jkomplu jappoġġjaw soluzzjoni ta' żewġ Stati bejn Iżrael u l-Palestina, ***kif ukoll billi jiġġieldu kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni fir-reġjun;***

Or. en

21.2.2024

A9-0403/59

Emenda 59
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

O. billi, *kif deskritt* fil-Boxxla Strateġika, *l-UE jeħtiġilha tagħmel aktar progress fl-ambizzjoni tagħha li tikseb awtonomija strateġika miftuħa u sovranità teknoloġika, filwaqt li ssaħħaħ ukoll is-sħubijiet tagħha* ma' sħab tal-istess fehma sabiex *tissalvagwardja* l-valuri u l-interessi tagħha, kif ukoll dawk tal-alleati u tal-ġirien tagħha;

O. billi, *anki* fil-Boxxla Strateġika, *l-awtonomija strateġika miftuħa u s-sovranità teknoloġika jibqgħu mhux definiti u huma suġġetti għar-rieda tal-Istati Membri; billi hemm bżonn aktar minn qatt qabel li jissaħħu s-sħubijiet tal-UE* ma' sħab tal-istess fehma sabiex *jigħu ssalvagwardjati* l-valuri u l-interessi tagħha, kif ukoll dawk tal-alleati u tal-ġirien tagħha;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/60

Emenda 60
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Q. billi l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-viċinat Ewropew, bħal fil-Mediterran, fil-Balkani tal-Punent u fil-Qarn tal-Afrika, billi jipprovdu servizzi bħall-militar, il-pulizija, il-gwardja kostali, it-taħriġ fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-bini tal-kapaċitajiet; billi jekk il-missjonijiet tal-PSDK iridu jilħqu l-oġġettivi tal-missjoni, dawn iridu jibdew jagħtu pariri u taħriġ biex ilaħħqu ma' teknoloġiji emerġenti u ta' tfixkil li qed jidħlu malajr fl-ambjent tal-“kunflitt iffriżat”;

Q. billi l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-viċinat Ewropew, bħal fil-Mediterran, ***fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed***, fil-Balkani tal-Punent u fil-Qarn tal-Afrika, billi jipprovdu servizzi bħall-militar, il-pulizija, il-gwardja kostali, it-taħriġ fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-bini tal-kapaċitajiet; billi jekk il-missjonijiet tal-PSDK iridu jilħqu l-oġġettivi tal-missjoni, dawn iridu jibdew jagħtu pariri u taħriġ biex ilaħħqu ma' teknoloġiji emerġenti u ta' tfixkil li qed jidħlu malajr fl-ambjent tal-“kunflitt iffriżat”;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/61

Emenda 61
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Recital Af

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Af. billi l-Kummissjoni u l-Parlament huma impenjati li jsaħħu lill-UE bħala attur estern li jista' jaġixxi b'mod aktar strateġiku u *awtonomu*;

Af. billi l-Kummissjoni u l-Parlament huma impenjati li jsaħħu lill-UE bħala attur estern li jista' jaġixxi b'mod aktar strateġiku u *effikaċi*; **billi l-Kunsill u l-Istati Membri huma l-awtoritajiet deċiżjonali prinċipali fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża**;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/62

Emenda 62
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Jikkundanna l-isforzi tal-Iran maħsuba biex ikomplu jheddu lil Iżrael u jiddestabilizzaw ir-reġjun permezz tal-assoċjati tiegħu, inklużi t-theddid u l-attakki reċenti min-naħa tar-ribelli Houthi kontra l-libertà ta' navigazzjoni fil-Baħar l-Aħmar; jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fil-preżenza Ewropea biex tiġi din il-libertà permezz tal-missjoni PSDK li għadha kemm ġiet stabbilita bl-isem EUNAVFOR ASPIDES; javża lil Hezbollah li għandu l-obbligu li jirrispetta r-riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u jastjeni minn kull forma ta' ostilitajiet armati fil-konfront ta' Iżrael li tista' tirriżulta fl-involviment tal-Libanu fi gwerra u jkollha konsegwenzi devastanti għall-poplu Libaniż li diġà qiegħed ibati minħabba l-preżenza malinja ta' Hezbollah u l-influwenza ta' dan tal-aħħar fil-pajjiż;

Or. en

Emenda 63
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

17. Jafferma mill-ġdid li, sabiex issir attur ġeopolitiku kredibbli, l-UE għandha **tirrifirma s-sistema tagħha tat-tehdid ta' deċiżjonijiet; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-potenzjal ta' azzjoni barranija, ta' sigurtà u ta' difiża veloċi, effiċjenti u effettiva, kif previst mill-klawżoli passerelle tat-TUE, intuża biss b'mod limitat ħafna; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex gradwalment jaqleb għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet dwar il-PESK u l-PSDK, tal-anqas f'dawk l-oqsma li ma għandhomx implikazzjonijiet militari; itenni l-appell tiegħu għall-istabbiliment ta' laqgħat regolari tal-Kunsill tal-ministri tad-difiża tal-UE u jappella għall-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali ċivili-militari konġunti fil-livell Ewropew li jikkombinaw strumenti ċivili u militari sabiex isir użu sħiħ mill-approċċ integrat tal-UE fil-ġestjoni tal-kriżijiet mill-ippjanar strateġiku sat-twettiq effettiv tal-missjoni jew tal-operazzjoni;**

17. Jafferma mill-ġdid li, sabiex issir attur ġeopolitiku kredibbli, l-UE għandha **tistabilixxi perċezzjoni aħjar tat-theddid u żżid il-kapaċitajiet u r-rieda politika tagħha li taġixxi pjuttost milli tikkonċertra biss fuq ir-riforma tas-sistema tagħha tat-tehdid ta' deċiżjonijiet, pereżempju l-impożizzjoni tal-vot b'maġġoranza kwalifikata għad-deċiżjonijiet relatati mal-PESK u mal-PSDK; josserva li l-potenzjal ta' azzjoni barranija, ta' sigurtà u ta' difiża veloċi, effiċjenti u effettiva, kif previst mill-klawżoli passerelle tat-TUE, intuża biss b'mod limitat ħafna;**

Or. en